

Brussell, 11 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15571/17

DEVGEN 290
ACP 144
RELEX 1096
ONU 162
SOC 804
COHAFA 108
COHOM 160

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' Diċembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14446/17
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2016 dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tiŝiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa: Nibdlu l-Ħajja tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (11 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-Rapport Annwali tal-2016 dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II - L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tiŝiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa: Nibdlu l-Ħajja tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020, kif adottat mill-Kunsill fit-3587 laqgħa tiegħu li saret fil-11 ta' Diċembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**Rapport Annwali tal-2016 dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II****L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa: Nibdlu l-Ħajja tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020**

1. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati bis-sħiħ favur l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma minn ta' quddiem fid-dinja fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom f'kull qasam tar-relazzjonijiet esterni. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda importanti li tikkontribwixxi għal dan il-għan. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet huma essenzjali għall-Aġenda 2030 u biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, kemm bħala għan fih innifsu, kif ukoll bħala prijorità trasversali.
2. L-UE u l-Istati Membri tagħha jafferma mill-ġdid l-impenn tagħhom li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u l-protezzjoni tagħhom bħala prijorità fl-oqsma ta' azzjoni kollha.¹ Dan jinkludi l-promozzjoni tad-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali tagħhom u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom u tal-leħen attiv u sinifikanti tagħhom u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja soċjali, ekonomika, kulturali, politika u ċivili, kif ukoll l-iżgurar tal-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom. Dan jimplika wkoll bidla fil-kultura istituzzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex iwettqu l-impenji li jkunu hađu.

¹ Kunsens Ewropew Ġdid dwar l-Iżvilupp: “Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Ġejjieni Tagħna”, ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1

3. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Mejju 2015 dwar is-Sessi fl-Iżvilupp² u tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020³ (GAP II) u jtenni l-importanza li jiġu żgurati l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, ir-rappurtar u s-segwitu strateġiċi u effiċjenti tiegħu fir-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE.
4. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II 2016-2020⁴ kif ippreżentat fl-ewwel rapport annwali ta' implimentazzjoni. Huwa jilqa' l-informazzjoni dettaljata u sostantiva li tinsab fir-rapport kif ukoll il-kopertura ġeografika wiesgħa tiegħu. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi konġunti tal-UE u tal-Istati Membri li jirrappurtaw dwar l-attivitajiet tagħhom kemm fil-livell tal-pajjiżi sħab kif ukoll fil-kwartieri ġenerali, inkluż f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK. Il-Kunsill jenfasizza li l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-GAP II teħtieġ li jissaħħu l-isforzi u l-impenn min-naħa tas-Servizzi tal-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri.
5. Il-Kunsill jieħu nota tal-progress li sar fis-sitt objettivi għal tibdil fil-kultura istituzzjonali, bħal tmexxija politika u maniġerjali aktar speċjalizzata, integrazzjoni ulterjuri ta' azzjonijiet marbutin mal-ugwaljanza bejn is-sessi finizjattivi ġodda, użu akbar ta' analiżijiet tal-ġeneru u data disaggregata skont is-sess, u ż-żieda ta' fondi dedikati u ta' ħila esperta. Il-Kunsill jenfasizza li hu essenzjali li jkompli jsir progress b'rabta mal-firxa sħiħa ta' objettivi marbutin mat-tibdil fil-kultura istituzzjonali, inkluż integrazzjoni aħjar ta' dawn l-attivitajiet fi Prattiki organizzattivi obbligatorji. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li l-GAP II ipprova mill-ġdid opportunità għal kollaborazzjoni msaħħa bejn l-atturi kollha tal-UE u l-Istati Membri, kemm fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fil-pajjiżi sħab, dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet.

² 9242/15

³ 13201/15

⁴ 11786/17 - SWD(2017) 288 final

6. Il-Kunsill jinnota li t-tliet prijoritajiet tematiċi tal-GAP II intgħażlu fir-regġuni kollha u li fil-livell tal-pajjiż sieħeb id-Delegazzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE l-aktar li taw attenzjoni kien lill-eliminazzjoni u l-prevenzjoni ta' kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata (Objettiv 7 tal-GAP II); li jiġi żgurat li jingħata aċċess ugwali lill-bniet u n-nisa għal-livelli kollha ta' edukazzjoni u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità, ħieles mid-diskriminazzjoni (Objettiv 13 tal-GAP II); lill-promozzjoni u l-protezzjoni ta' drittijiet ugwali u l-kapaċità tan-nisa li jipparteċipaw fil-proċessi ta' politika u governanza fil-livelli kollha (Objettiv 17 tal-GAP II).
7. Il-Kunsill jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet u l-oġġettivi tematiċi kollha f'ambitu ġeografiku usa' u mill-atturi differenti kollha hi essenzjali biex tinbidel il-ħajja tan-nisa u l-bniet, l-irġiel u s-subien. Dan jeħtieġ impenn fit-tul u ta' livell għoli fil-livell politiku kif ukoll koordinazzjoni mill-qrib u kontinwa bejn il-livelli politiċi, ta' politika u operazzjonali, u l-integrazzjoni progressiva tat-tagħlimiet meħuda.
8. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni sesswali u riproduttiva komprensiva, li tkun ta' kwalità u affordabbli, inkluż edukazzjoni sesswali komprensiva, u servizzi għall-kura tas-saħħa⁵. Il-Kunsill jilqa' r-rappurtar dettaljat dwar l-attivitajiet tal-UE b'rabta mas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi kif deskritt fil-Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp, u jenfasizza l-ħtieġa li titjieb il-metodoloġija ta' rappurtar, li jkomplu jiġu mmobilizzati fondi addizzjonali u li jingħata appoġġ lill-partijiet ikkonċernati f'dan il-qasam.

⁵ Kunsens Ewropew Ġdid dwar l-Iżvilupp: "Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Ġejjieni Tagħna", ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1

9. L-UE tirrikonoxxi r-rwol prinċipali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tan-nisa, fl-implimentazzjoni tal-GAP II. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jissaħħaħ l-appoġġ għan-nisa impenjati fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u jinkoraġġixxi involviment u konsultazzjoni aktar mill-qrib mas-soċjetà ċivili f'kull livell fl-implimentazzjoni tal-GAP II, inkluż fl-analiżi tal-ġeneru, u tul il-programmazzjoni u ċ-ċikli tal-politika. Huwa jenfasizza wkoll l-importanza tal-involvement b'modi effettivi ma' rġiel u subien bil-għan tal-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn is-sessi, tal-indirizzar ta' normi soċjali diskriminatorji, tal-ġlieda kontra l-istereotipi tas-sessi u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet fil-ħajja politika u ċivili. Barra minn hekk, jappella lill-atturi kollha biex jiżviluppaw strateġiji li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-inugwaljanzi bejn is-sessi, u l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluż il-vjolenza minn sieħeb intimu jew sieħba intima u prattiki dannużi bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili, u ż-żwieġ mat-tfal, iż-żwieġ prekoċi u ż-żwieġ furzat.
10. Il-Kunsill jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet favur it-titjib tal-implimentazzjoni tal-GAP II u jħeġġeġ lis-Servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri kollha biex jimplimentawhom. Huwa jappella għal sforzi msaħħa fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fis-setturi kollha fl-azzjoni esterna kollha tal-UE, inkluż l-użu sistematiku ta' analiżijiet tal-ġeneru, data disaggregata dwar is-sess u l-età u titjib fl-użu tal-indikaturi tal-GAP II fiċ-ċikli ta' ġestjoni tal-proġetti u tal-programmi. Barra minn hekk, huwa jissottolinja l-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri, kemm fil-livell tal-pajjiż kif ukoll fil-kwartieri ġenerali, sabiex il-perspettivi tal-ġeneru jiġu integrati fi djalogi politiċi ma' pajjiżi sħab. Huwa jappella wkoll biex tissaħħaħ it-tmexxija f'kull livell, mhux l-inqas fil-livell politiku u maniġerjali għoli, rigward l-implimentazzjoni tal-GAP II. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal aktar integrazzjoni tal-perspettivi tal-ġeneru f'taħriġ fil-livell tal-kwartieri ġenerali u f'pajjiżi sħab. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-programmi indikattivi pluriennali bħala opportunità biex tanalizza l-inizjattivi biex jinkisbu riżultati aħjar b'rabta mal-oġettivi tal-GAP II.
11. Il-Kunsill jilqa' t-tnedija tal-Inizjattiva Spotlight bħala eżempju ta' azzjoni konġunta bejn l-UE u n-NU biex tiġi eliminata l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. Huwa jħeġġeġ lis-Servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jikkoordinaw u jikkooperaw mill-qrib mal-Istati Membri, biex ifittxu l-komplementarjetajiet u jiġu esplorati sħubiji ma' inizjattivi eżistenti, sabiex jinkisbu r-riżultati mistennija tal-GAP II. Huwa jilqa' wkoll ir-rwol ta' tmexxija tal-Kummissjoni fl-Appell għal Azzjoni rigward il-Protezzjoni mill-Vjolenza Sessista f'Emerġenzi.

12. Il-Kunsill jappella lis-Servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jagħmlu użu sħiħ mill-obbligu li jingħata rendikont previst mir-rappurtar tal-GAP II – kemm il-proċess tiegħu kif ukoll ir-riżultat finali – bħala mezz biex jingħata tifħir għal prestazzjoni tajba u biex jiġu analizzati n-nuqqasijiet ta' kull wieħed mill-komponenti tagħhom. Il-Kunsill jappella lis-Servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jesploraw u jidentifikaw modi biex jiġu ssimplifikati u armonizzati r-rekwiżiti ta' rappurtar kif xieraq, biex itejbu l-metodoloġija tar-rappurtar, inkluż l-użu ta' indikaturi xierqa fl-oqsma ta' politika kollha. Sabiex titjeb l-analiżi sostantiva tal-implimentazzjoni tal-GAP II, il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li r-rapport jirrifletti rispons kwalitattiv u l-aħjar prattiki mis-servizzi tal-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri. Il-Kunsill jistenna b'interess it-tieni rapport ta' implimentazzjoni u jistieden lill-Istati Membri u l-atturi rilevanti kollha tal-UE fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jikkontribwixxu b'mod sħiħ u f'waqtu għall-eżerċizzji ta' rappurtar futuri.
-